DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1146

tal-4 ta' Lulju 2019

li ttemm il-proċediment antidumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' planki tal-azzar illaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fl-24 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' planki tal-azzar illaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina billi ppubblikat notifika ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) L-investigazzjoni nfetħet wara lment imressaq minn EUROFER ("l-ilmentatur") f'isem iż-żewġ produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni totali tal-planki tal-azzar illaminati bis-sħana fl-Unjoni. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u ta' dannu materjali riżultanti, u dan tqies biżżejjed biex il-bidu tal-investigazzjoni jkun iġġustifikat.

(3) Fin-notifika ta' bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produttur esportatur magħruf u lill-awtoritajiet Ċiniżi, lil importaturi, fornituri u utenti magħrufin, negozjanti, kif ukoll assoċjazzjonijiet li kien magħruf li kienu kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u sednithom jieħdu sehem.

(4) Fit-22 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha li kienet iddeċidiet li ma timponix miżuri provviżorji fil-każ preżenti, u li tkompli l-investigazzjoni.

2. IRTIRAR TAL-ILMENT U TERMINAZZJONI TAL-PROĊEDIMENT

(5) Permezz tal-ittra tal-11 ta' April 2019, l-ilmentatur informa lill-Kummissjoni li huwa rtira l-ilment tiegħu.

(6) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-proċedimenti jistgħu jintemmu meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm dan it-tmiem ma jkunx imur kontra l-interess tal-Unjoni.

(7) L-investigazzjoni ma kienet żvelat ebda kunsiderazzjoni li turi li terminazzjoni tal-proċediment ma kinitx tkun fl-interess tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nnutat li ma wasal l-ebda kumment mingħand il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, bħal utenti, importaturi jew konsumaturi, li jindika li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-investigazzjoni dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' planki tal-azzar illaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jenħtieġ li tintemm mingħajr determinazzjonijiet formali li jikkonċernaw l-eżistenza jew in-nuqqas ta' dumping u ta' dannu jew dwar kwalunkwe aspett ieħor tal-investigazzjoni.

(8) Għaldaqstant il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' planki tal-azzar illaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jenħtieġ li tintemm mingħajr l-impożizzjoni tal-miżuri.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' planki tal-azzar illaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 177, 24.5.2018, p. 6).

(9) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Madankollu, ma wasal l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

(10) Din id-Deċiżjoni hija konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' planki tal-azzar illaminati bis-sħana li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7301 10 00 (kodiċi TARIC 7301 10 00 10), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, huwa tterminat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER